MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 932/2009

**Mary Rose armla minn Joseph Spiteri (ID 858347M), Karl Spiteri (ID 23574M) u Erika Spiteri (ID 488775M)**

***kontra***

**Rita armla minn Alfred Spiteri, Alexander Spiteri u Christopher Spiteri**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-25 ta` Settembru 2009 li jaqra hekk–

*1. Illi Joseph Spiteri, ir-ragel tal-attrici Mary Rose Spiteri u missier l-atturi Karl u Erika ahwa Spiteri, kien jiggestixxi negozju flimkien ma` huh Alfred Spiteri, ir-ragel tal-konvenuta Rita Spiteri u missier il-konvenuti Alexander u Christopher ahwa Spiteri bhala kumpannija bl-isem "Spiteri Bros. Limited" ; f`din il-kumpannija z-zewg ahwa kellhom hamsin fil-mija tal-ishma kull wiehed. Oltre l-kontijiet bankarji tal-kumpannija, l-ahwa Joseph u Alfred Spiteri kellhom kont bankarju komuni (joint account) mal-Bank of Valletta taht l-isem 'J&A Spiteri' li fih kienu iqeghdu flus appartenenti lilhom it-tnejn kwantu ghal nofs kull wiehed.*

*2. Illi Alfred Spiteri miet fil-5 ta` Novembru 2004 ; Joseph Spiteri miet fis-26 ta` Frar 2009, u bl-ahhar testament tieghu datat 8 ta` Jannar 1992 in atti Nutar Charles Vella Zarb, Joseph Spiteri nnomina liz-zewg uliedu, l-atturi Karl u Erika ahwa Spiteri bhala eredi universali tieghu filwaqt illi l-attrici Mary Rose Spiteri kienet partecipi fil-kommunjoni tal-akkwisti.*

*3. Illi fl-1 ta` Marzu 2003, bi ftehim bejn iz-zewg partijiet, Alfred u Rita Spiteri kienu hadu b`self minghajr imghax minn dana l-fond komuni s-somma ta` Lm18,500 (ekwivalenti ghall-€43,093.40) permezz ta` zewg cekks, wiehed (nru. 83) ta` Lm18,000 u t-tieni wiehed (nru. 84) ta` Lm500 liema somma kellha tigi restitwita appena l-fond jerga` jkollu ammont ekwivalenti ghas-somma ta` Lm18,500, b`dan li din is-somma mbaghad tigi pprecepita kollha minn Joseph Spiteri.*

*4. Illi Alfred Spiteri miet is-sena ta` wara li sar dan is-self minghajr ma lahaq rrestitwixxa din is-somma mislufa lilu u lill-martu Rita Spiteri u minghajr ma lahaq sar aktar negozju li rrenda xi flus f`dan il-fond komuni.*

*5. Illi wara l-mewt ta` Alfred Spiteri, Joesph Spiteri kien interpella lill-konvenuti permezz ta` ittra*

*ufficjali datata 2 ta` Novembru 2006 biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-flus dovuti mid-decujus kemm lill-kumpannija Spiteri Bros. Limited u kemm lilu personalment, izda ghalkemm saru xi komunikazzjonijiet bejn Joseph Spiteri u l-konvenuti, il-konvenuti baqghu ma hallsu ebda ammont sa ma miet Joseph Spiteri fi Frar tal-2009.*

*6. Illi wara l-mewt ta` Joseph Spiteri, regghet kompliet il-korrispondenza bejn il-partijiet dwar dawn il-flejjes dovuti minn Alfred Spiteri kemm lill-kumpannija u kemm lil Joseph Spiteri izda f`laqgha mizmuma fit-22 ta` Mejju 2009, il-konvenuti nfurmaw lill-atturi li ma kienu ppreparati jhallsuhom ebda ammont ; ghalhekk kellha ssir din il-kawza li tirrigwarda biss ir-relazzjoni finanzjarja personali bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti qeghdin jitolbu lil dina l-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta` wiehed u ghoxrin elf hames mija sitta u erbghin Euro u sebghin centezmu (€21,546.70) ekwivalenti ghall-Lm9,250 rapprezentanti nofs is-somma ta` Lm18,500 mislufa lil Alfred Spiteri u martu l-konvenuta Rita Spiteri u dana billi n-nofs l-iehor jappartjeni lill-konvenuti stess.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta` Novembru 2006 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fl-20 ta` Ottubru 2009 li taqra hekk –

*1. Preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti Mary Rose armla minn Joseph Spiteri hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta [bi preskrizzjoni kwinkwennali].*

*2. Preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jridu jippruvaw li l-kont bankarju msemmi minnhom fil-paragrafu numru wiehed (1) tar-rikors guramentat kien effettivament jappartjeni lil Joseph u Alfred Spiteri, u mhux lill-kumpannija Spiteri Bros. Limited, u dan sabiex ikunu jistghu jippruvaw l-interess guridiku li ghandhom biex jippromwovu din l-istanza.*

*3. Illi preliminarjament ukoll ir-rikors guramentat huwa monk billi ma hemmx talba sabiex il-Qorti tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti, izda kull ma hemm hi talba ghall-kundanna.*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimata Rita Spiteri **<u>tichad b`mod mill-aktar kategoriku</u>** dak allegat mir-rikorrenti fil-paragrafu numru 3 tar-rikors guramentat li fl-1 ta` Marzu 2003 hi kienet hadet, bi ftehim bejn il-partijiet, self minghajr imghax fis-somma ta` Lm18,500 "minn dana l-fond komuni" [kif ir-rikorrenti qed jirreferu ghall-kont bankarju li minnu gew emessi z-zewg cekkijiet annessi u markati bhala Dok C mar-rikors guramentat], liema somma skond ir-rikorrenti kellha tigi restitwita appena l-fond jerga` jkollu ammont ekwivalenti ghas-somma ta` Lm18,500. Fl-istess waqt jigi minn issa stess rilevat li mhux kontestat li d-defunt Alfred Spiteri kien ghadda lill-intimata Rita Spiteri zewg cekkijiet intestati f`isimha ammontanti b`kollox ghal Lm18,500 [wiehed ta` Lm18,000 u wiehed ta` Lm500], li cheque image taghhom giet esebita bhala Dokument C mir-rikorrenti.*

*5. <u>Illi d-defunt Joseph Spiteri</u> [li jigi r-ragel tar-rikorrenti Mary Rose armla minn Joseph Spiteri, Karl Spiteri u Erika Spiteri], <u>sakemm kien ghadu haj Alfred</u>*

*Spiteri [ir-ragel tal-intimata u missier iz-zewg intimati l-ohra] li miet fil-5 ta` Novembru 2004 [i.e. sena u tmien xhur wara li gew emessi z-zewg cekkijiet {Dokument C), qatt ma ventila xi pretensjoni jew lissen xi kelma li kien sar is-self illum allegat mir-rikorrenti, u lanqas Alfred Spiteri qatt ma semma xejn lill-esponenti dwar dan l-allegat self. Illi ghalhekk jispetta lir-rikorrenti li jressqu provi precizi u konkludenti fil-grad rikjest mil-ligi dwar dak illum allegat minnhom, billi sa issa jidher car li dak li qed jikkontendu m`ghandux mis-sewwa.*

*6. Illi zmien konsiderevoli wara li miet Alfred Spiteri, Joseph Spiteri beda jivventila allegazzjonijiet dwar flus dovuti lilu u lill-kumpannija Spiteri Bros. mill-intimati, izda sas-26 ta` Frar 2009 u cioe` sad-data tal-mewt tieghu (ta` Joseph Spiteri), hu ma ntavola l-ebda azzjoni biex jirreklama dan l-allegat ammont dovut lilu jew lill-kumpannija, u minkejja li l-intimati kienu talbuh bil-miktub tramite l-konsulent legali taghhom sabiex jissostanzja l-pretensjonijiet vagi u generici li kien iddeduca b`ittra tat-23 ta` Ottubru 2006 u b`ittra ufficjali tat-2 ta` Novembru 2006, hu baqa` qatt m`ghamel dan.*

*7. Illi jigi rilevat ukoll li d-defunt Joseph Spiteri u l-esponenti Rita Spiteri kienu ghalqu (wara l-mewt ta` Alfred Spiteri), flimkien u bi qbil bejniethom, il-kont bankarju mal-Bank of Valletta plc mertu tal-kawza odjerna, u qasmu* ***ugwalment*** *bejniethom il-bilanc li kien hemm fih minghajr ebda riservi, u dakinhar Joseph Spiteri ma kienx lissen l-icken kelma lill-esponenti Rita Spiteri dwar dak li llum qed jallegaw martu u uliedu. Dan il-fatt hu res ipsa loquitur.*

*8. Illi huwa car li din il-kawza hi tentattiv mir-rikorrenti biex jippruvaw jarrikkixxu ruhhom ingustament a skapitu tal-intimati, issa li l-mejjet Alfred Spiteri ma jistax jitkellem aktar.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fit-18 ta` Frar 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2010 fejn akkordat it-talba tal-konvenuti biex jressqu eccezzjonijiet ulterjuri ta` preskrizzjoni.

Semghet ix-xiehda tal-atturi Mary Rose Spiteri u Erica Spiteri, u tal-Awditur Jean Pierre Muscat fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2010.

Rat ir-risposta ulterjuri li l-konvenuti pprezentaw fit-23 ta` Frar 2010 u taqra hekk –

*1. Illi l-azzjoni attrici fil-konfront ta` Rita armla minn Alfred Spiteri hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta (bi preskrizzjoni kwinkwennali).*

Semghet ix-xiehda ta` Romuald Attard, rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, fl-udjenza tal-25 ta` Mejju 2010 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` John Galea, Manager tal-Bank of Valletta plc, fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2010.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` John Galea u d-dokument li kien anness.

Semghet il-kontroezami ta` Jean Pierre Muscat u tal-attrici Mary Rose Spiteri fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2011 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici Mary Rose Spiteri.

Semghet il-kontroezami tal-attrici Mary Rose Spiteri fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2011 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut Alexander Spiteri fl-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2011 u rat id-dokument li kien esebit fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuta Rita Spiteri fl-udjenza tad-29 ta` Novembru 2011.

Semghet il-kontroezami tal-konvenut Alexander Spiteri fl-udjenza tat-23 ta` April 2012 u tal-konvenuta Rita Spiteri fl-udjenza tal-21 ta` Gunju 2012.

Rat illi l-partijiet ghalqu l-provi taghhom fl-udjenza tal-1 ta` Novembru 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Waqt il-gbir tal-provi, issemmew flus li allegatament gew minn kont komuni li kellhom flimkien Joseph u Alfred Spiteri sabiex dan tal-ahhar akkwista vettura <u>Mercedes</u>. Diversi kienu x-xhieda li jaccennaw ghal din il-Mercedes. Il-Qorti qeghda thalli barra kull riferenza ghall-flus li ntuzaw in konnessjoni ma` din il-vettura, ghaliex <u>ma hija</u> <u>rilevanti xejn</u> ghall-mertu ta` din il-kawza, kif *del resto* huwa evidenti mill-kontenut tar-rikors guramentat u tar-risposta guramentata.**

**<u>Jean Pierre Muscat</u>** kien l-awditur tal-kumpannija Spiteri Brothers Limited. Xehed illi kull ma kellha f`isimha din il-kumpannija kien overdraft. Dwar ic-cheques li esebiti bhala Doc C a fol. 9 tal-process, ighid li l-ewwel darba li rahom kien wara li miet Alfred Spiteri meta mar ikellmu Joseph Spiteri lejn l-ahhar tal-2004 jew fil-bidu tal-2005. Joseph Spiteri kienu qallu li kellu jiehu xi flus minghand huh Alfred Spiteri. Qallu li kellhom kont personali bejniethom. Minn dak il-kont, kienu hadu zewg cekkijiet : Lm18,000 minn naha ta` Alfred Spiteri u Lm18,000 ohra minn naha ta` Joseph Spiteri. Dan tal-ahhar qallu li huwa kien radd lura Lm12,000 u li ghalhekk il-werrieta ta` huh Alfred kellhom iroddu lura Lm12,000 ukoll. Urih djarju – kollu mahmug – u xi fotokopji. Huwa qal lil Joseph Spiteri illi sabiex jipprova dak li kien qed jghid kellu bzonn ikollu f`idejh d-dokumenti originali u mhux fotokopji. Huwa kellem lill-konvenuta Rita Spiteri – armla ta` Alfred – li kkonfermat illi kienu hadu Lm18,000 biex tinbena l-arja ta` fuq il-propjeta` taghhom waqt li Joseph Spiteri kien ha Lm18,000 biex juzahom fil-kumpannija tieghu Cross Winds Holdings Limited. B`hekk iz-zewgt ahwa kienu hadu Lm18,000 kull wiehed u kwindi gew pari.

Fil-**kontroezami** Jean Pierre Muscat xehed illi l-attivita kummercjali tal-ahwa Spiteri dejjem saret permezz permezz ta` Spiteri Brothers Limited. Mistoqsi kienx jiftakar li kien hemm kwistjoni dwar VAT, huwa xehed li t-Tax Compliance Unit kienet harget kontijiet. Ikkonferma illi Joseph Spiteri kien qallu li biex il-partijiet jigu bilanc kellu min-naha ta` Alfred Spiteri ssir rifuzjoni ta` Lm12,000 fil-kont komuni jew in-naha ta` Alfred Spiteri taghti Lm6,000 lilu direttament. Mistoqsi jekk wara li Joseph Spiteri urieh id-dokumenti kienx ghamel verifiki, ix-xhud wiegeb li hu ma kienx vverifika. Mistoqsi kienx jaf bi kwistjoni bejn Joseph Spiteri u l-attrici Mary Rose Spiteri, stqarr illi kienu jghixu separatament mill-bidu tal-2000 ; ma jafx jekk kienux ukoll separati *de jure.* Mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm ukoll kwistjoni bejniethom dwar trasferiment ta` proprjeta, minghajr il-kunsens ta` Mary Rose Spiteri, ix-xhud ikkonferma.

L-attrici **Mary Rose Spiteri** – armla ta` Joseph Spiteri – xehdet illi zewgha u huh Alfred kellhom kumpannija fejn it-tnejn kellhom ishma ndaqs. Alfred miet fl-2004. Zewgha wara qalilha li Alfred kien issellef Lm18,500 minn kont kongunt li l-ahwa kellhom flimkien. Huma wkoll kienu ssellfu Lm18,000 mill-kont biex ma jittiehdux flus mill-overdraft u b`jekk jiffrankaw il-hlas ta` imghax. Huma bdew ihallsu lura dawn l-flus. Kull ma kien fadal kienu madwar Lm6,000. Wara li miet Alfred, zewgha wrieha iz-zewg cheques ghaliex hass li kellu jghid lil xi hadd billi bejnu u huh Alfred ma kienux saru karti. Zewgha kellem lill-konvenuta Rita Spiteri ; din qaltlu li dawk ic-cheques kienu ssarfu u tahtomlu. Mit-timbru li hemm fuq ic-cheques jidher li dawn kienu gew depozitati fil-kont ta` Rita Spiteri ; ghalhekk zewgha qalilha li nofshom kienu tieghu. Ir-reazzjoni ta` Rita Spiteri kienet negattiva. Meta in segwitu kkonfrontat lil Rita Spiteri b`dawk ic-cheques, Rita Spiteri l-ewwel ma qalet xejn, imbaghad binha Alexander ippropona li jaghtu lura nofs it-Lm18,500.

Fil-**kontroezami**, Mary Rose Spiteri xehdet illi wara li miet Alfred Spiteri ma kienx intlahaq ftehim bejn il-partijiet kollha ; fil-fatt kienet intbaghtet ittra ufficjali. Dwar l-iskrittura privata tat-3 ta` Ottubru 2006 (Dok RA1) hija tghid illi l-ewwel parti tal-iskrittura tirrigwarda pagamenti ta` VAT li kellhom jithallsu mit-tifel ta` Rita Spiteri u li kienu jammontaw ghal Lm6,426 waqt li l-bqija tal-ftehim kien jittratta dwar affarijiet ohra bhall-makkinarju li kellha l-kumpannija li l-partijiet riedu jxolju. L-iskrittura ma kenitx tittratta l-kwistjoni mertu tal-kawza tal-lum. Fil-ftehim ma tissemmiex il-kwistjoni tat-Lm18,000 ghaliex dik kienet kwistjoni differenti. Il-ftehim kien jirrigwarda x-xoljiment tal-kumpannija. Domandata mill-qorti jekk kenitx rat dak id-dokument qabel, ix-xhud wiegbet illi kienet qeghda tarah ghall-ewwel darba ; kienet taf bih ghaliex kien semmiulha zewgha. It-Lm18,000 li kien ha r-ragel taghha kienu gew restitwiti kwazi kollha.

F`**affidavit** taghha a fol 103, Mary Rose Spiteri tippreciza illi fl-10 ta` Jannar 1998, zewgha kien issellef Lm18,000 sabiex jizviluppa proprjeta li kienet tappartjeni lis-socjeta Crosswinds Holdings Ltd. Dak l-ammont kien gie restitwit kwazi kollu qabel miet Alfred Spiteri. Fl-1 ta` Marzu 2003, l-konvenuta Rita Spiteri kienet hadet Lm18,500 permezz ta` zewg cheques ; il-kawza tal-lum tirrigwarda dak l-ammont. Dan l-ammont baqa` ma thallasx lura.

Meta kompliet tixhed in **kontroezami**, Mary Rose Spiteri stqarret illi meta nqasmet il-kumpannija, kull parti hadet b`miljun lira fi propjeta`. Hija ma ratx tstatements tal-bank dwar il-kont komuni. Dwar li zewgha kien radd kwazi l-flus kollha li kien ha b`self, ix-xhud stqarret li kien zewgha stess illi qalilha b`dak il-fatt. Kien hemm ukoll xi karti bil-firma ta` Alfred Spiteri li juru li l-ammont kien thallas. Dawk il-karti ma kienux qeghdin ghandha ghalkemm taf li rathom. Huma l-istess karti li zewgha kien wera lill-awditur u li dwarhom xehed l-awditur fil-kawza. L-ittra Dok RA1 a fol 139 kitibha l-avukat taghha lil Rita

Spiteri. Joseph u Alfred Spiteri kienu wirtu l-kumpannija Spiteri Brothers Limited minghand missierhom. Il-kumpannija kellha l-kont taghha. Kien hemm ukoll il-kont kongunt fejn Joseph u Alfred kellhom nofs kull wiehed mill-flus li kien hemm fil-kont. Tghid li l-flus li kienu gew depositati f`dak il-kont komuni mir-ragel taghha kienu flus li huwa akkumula matul is-snin mid-dhul tieghu.

Fix-xiehda taghha l-attrici **Erica Spiteri** tikkonferma illi kienet prezenti ghal-laqgha meta kien iffirmat il-ftehim dwar il-kumpannija. Ikkonfermat ix-xiehda ta` ommha Mary Rose Spiteri.

**Romwald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed illi c-cheques in kwistjoni hargu minn kont bin-Nru 13411174020. Il-kont kien f`isem Joseph Spiteri (ID 996444M) u Alfred Spiteri (ID 110451M). Il-firmatarji kienu *"anyone of the account holders"*. Ipprezenta Dok BOV1. Ic-cheque nru 83 ta` Lm18,000 gie ddepozitat fil-kont nru 15800712017 f`isem Rita Spiteri fit-3 ta` Marzu 2003. Ic-cheque l-iehor nru 84 ta` Lm500 issarraf f`kontanti minn Rita Spiteri stess fl-istess gurnata.

**John Galea** wkoll mill-Bank of Valletta plc xehed illi wara li miet Alfred Spiteri, l-arma tieghu marret il-bank flimkien ma` huh Joseph Spiteri sabiex jiccarraw l-affarijiet mal-bank. L-ahwa kellhom tliet kontijiet : wiehed kien f`isem il-kumpanija Spiteri Brothers Limited ; iehor kien f`isem Alfred u Joseph Spiteri u dan kien *current account* u t-tielet wiehed kien *savings account* f`isimhom it-tnejn ukoll. Rita Spiteri u Joseph Spiteri marru l-bank certament fid-19 ta` Mejju 2005 u fl-20 ta` Settembru 2005. Fil-*current account* kien hemm bilanc ta` Lm46.76 waqt li fis-*savings account* kien hemm bilanc ta` Lm3,858.62. Iz-zewg kontijiet inghalqu fid-19 ta` Mejju 2005. Wara nqatghu l-ispejjez tal-bank, il-bilanc inqasam indaqs bejn Rita Spiteri u Joseph Spiteri fis-sens illi hadu Lm1,946.19 kull wiehed. Is-sehem ta` Rita Spiteri mar fil-kont taghha waqt li s-sehem ta` Joseph Spiteri mar fil-

*current account* tieghu. Ghal dak li jirrigwarda l-overdraft, id-debitu kien ta` Lm19,640 ; dan thallas lill-bank in kwantu ghal Lm9,877 fid-19 ta` Mejju 2005 u l-bilanc thallas fl-20 ta` Settembru 2005. Ix-xhud ipprezenta l-*legal ruling* li kellu biex qasam il-flus (Dok JG01 a fol 65).

**Il-konvenut Alexander Spiteri** xehed illi missieru Alfred Spiteri miet fil-5 ta` Novembru 2004. Apparti Spiteri Brothers Limited, missieru u huh Joseph ma kellhomx negozju iehor flimkien. Separatament minn huh, missieru kien ibiegh u jixtri l-karozzi, waqt li Joseph kien ibiegh u jixtri l-propjeta`. Meta Alfred kien ghadu haj, ix-xhud kien jahdem mal-kumpannija. Lejn l-ahhar zmien, kien hemm garage li kien ghadu tal-kumpannija fejn minnu beda jaghmel xoghol ta` galvanising. Meta qabad dik il-linja, ghall-bidu kien jidher bhala impjegat tal-kumpannija izda wara qaleb ix-xoghol ghal rasu ; dan gara qabel miet missieru.

Dwar ic-cheques mertu tal-kawza, Alexander Spiteri xehed illi missieru Alfred kien talbu biex jiktibhom. Hargu mill-kont li kien hemm bejniethom tal-kumpannija. Harighom fuq ommu Rita Spiteri. Ommu qaltlu li missieru kien taha dawk ic-cheques. Ma jafx x`ghamlet bihom. Wara li miet missieru, bdew jinqalghu l-problemi fil-kumpannija. Dak iz-zmien huwa kien direttur. Iz-ziju Joseph kien staqsieh dwar il-flus. Minn ommu wara sar jaf illi kienet iddepozitathom il-bank. Qabel il-mewt ta` missieru, zijuh Joseph qatt ma kien semma dawk ic-cheques. Wara li miet missieru, semmiehom ghall-ewwel darba. Maz-ziju tkellem dwar tow-truck. Dak kien inxtara ghalih mill-kumpannija. Huwa hallas lura lill-kumpannija kif jirrizulta minn Dok AS1. Mistoqsi dwar il-kuntratt tal-qasma tal-gid, ix-xhud stqarr illi l-ewwel mar saret kienet id-divizjoni tal-immobbli. Il-parti taghhom marret go kumpannija taghhom. Il-parti taz-ziju Joseph marret go kumpannija taz-ziju. Inqasam kollox hlief ghal plot wahda li misset liz-ziju Joseph. Kien iz-ziju stess li talbu biex il-plot jibqa` fuq ismu. Ried jevita li jsir bejgh u jkollu jaghti nofs lil martu Mary Rose Spiteri.

Skond ix-xhud, sar ftehim iehor fejn inqasam ix-xoghol. L-inginerija baqghet ghand Joseph Spiteri. Bil-ftehim li huwa Dok RA1 inqatghu t-truffijiet kollha. Qabel kien iffirmat, zijuh rega qala` l-kwistjoni tac-cheques ta` Lm18,500. Ix-xhud wiegbu fil-pront illi ma kellu jaghtih xejn. Jippreciza li meta Joseph Spiteri kien semma dik l-kwistjoni ghall-ewwel darba, huwa kien mar ghand l-awditur Jean Pierre Muscat u staqsieh x`kien hemm pendenti mill-parti ta` missieru li seta` ha mill-kumpannija, u l-awditur kien qalu li ma kien hemm xejn bil-miktub li missieru ha xi flus. Ighid illi huwa kien ircieva ittra bl-avukat dwar dak l-ammont wara li kien gie ffirmat il-ftehim ; l-ittra hija dik a fol 139 tal-process.

Ix-xhud cahad dak li xehdet Mary Rose Spiteri dwar proposta li qalet illi huwa ghamel.

Fil-**kontroezami**, Alexander Spiteri xehed illi c-cheques mertu tal-kawza hargu mill-kont li z-zewgt ahwa kellhom bejniethom u mhux mill-kont tal-kumpannija. Huwa sar direttur tal-kumpannija wara li miet missieru. Mistoqsi jekk wara li saret il-qasma tal-kumpannija kienx ghad hemm affarijiet ohra pendenti, ix-xhud wiegeb illi inqasam ukoll il-kont kongunt ta` bejn l-ahwa ; fih kien hemm Lm3,000 u kull parti hadet Lm1,500.

**Il-konvenuta Rita Spiteri** – armla ta` Alfred Spiteri – xehdet illi hi qatt ma kienet involuta fil-kumpannija Spiteri Brothers Limited. Ikkonfermat illi c-cheques kitibhom binha Alexander. Tahomlha zewgha u qalilha biex tpoggihom il-bank sakemm ikollu bzonnhom. Hija ddepozitathom fil-fergha ta` Santa Venera tal-Bank of Valletta. Wara ftit xhur, Alfred talabha taghtih il-flus. Hi tatu Lm15,000 mis-safe li kellhom id-dar u Lm3,000 mill-kont taghha tal-bank. Zewgha kellu kont l-bank f'ismu. Domandata ghaliex zewgha ma dahhalx ic-cheques fil-kont tieghu, hija wiegbet li Alfred ma tantx kien ihobb

jiddepozita flus i-bank. Kemm dam haj Alfred, huh Joseph qatt ma semmielha l-kwistjoni tal-flus. Semmihom ghall-ewwel darba xi gimghatejn wara l-mewt ta` Alfred. Joseph qalilha li Alfred kien talbu l-flus biex jixtri l-arja ta` garage li kienet propjeta` ta` ommha. Alfred lilha qalilha li l-flus kienu tal-kumpannija. Tghid ukoll - *"Ir-ragel qalli li kienu ta` bejniethom minn ta` bejniethom mela sintendi hux."* Meta ffirmaw il-ftehim, hadd ma semma t-Lm18,000. Cahdet li binha Alexander qal xi diskors fis-sens illi allegat Mary Rose Spiteri.

Fil-**kontroezami**, Rita Spiteri ikkonfermat illi ddepozitat ic-cheque ta` Lm18,000 u sarrfet f`kontanti c-cheque l-iehor ta` Lm500. Hi ma kenitx tistaqsi lil zewgha dwar negozju li kien ikollu ma` huh Joseph. Qalet li ma tafx x`ghamel Alfred bil-flus li tatu meta talabhomlha lura. Meta mistoqsija x`qalilha Joseph Spiteri meta qaltlu li kienet rritornat it-Lm18,000 lil Alfred, ix-xhud wiegbet illi Joseph qalilha li ried il-flus lura ghaliex hu ma kienx ha lura nofs it-Lm18,500. Stqarret illi l-kont J&A mnejn hargu c-cheques kien fih flus tal-kumpannija ghaliex meta l-kumpannija kienet qed tigi investigata minhabba VAT u taxxa l-ahwa poggew il-flus f`dak il-kont. Skond ix-xhud, il-kont kien jintuza biex jithallsu l-pagi tal-impjegati izda kien jintuza wkoll ghal affarijiet personali bhall-hlas tal-mizati tal-iskejjel tat-tfal.

**Ikkunsidrat :**

## III. Sottomissjonijiet

### i) L-atturi

Dwar l-ewwel eccezzjoni, is-sottomissjoni tal-atturi kienet fis-sens illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin hija nfondata ghaliex is-self sar fl-1 ta` Marzu 2003, l-

ittra ufficjali giet ipprezentata fit-2 ta` Novembru 2006 u l-kawza giet ipprezentata fl-2009.

Dwar it-tieni eccezzjoni, l-atturi sostnew illi l-presunzjoni legali hija fis-sens illi l-kont jappartjeni lil min hu intestat ; ghalhekk kienet tinkombi lill-konvenut il-prova li twaqqa` dik il-presunzjoni. Fix-xiehda tieghu, l-awditur kien kategoriku : il-kont ma kellu l-ebda konnessjoni mal-kumpannija ghaliex l-uniku kont li kellha kien l-overdraft. Ghalhekk anke dik l-eccezzjoni hija nfondata.

Dwar it-tielet eccezzjoni, l-atturi jghidu illi mhuwiex mehtieg li f`kull kawza ssir talba dikjaratorja qabel it-talba attwali, hlief meta dan huwa espressament rikjest fil-ligi taghna. Fil-fehma taghhom, it-talbiet saru sewwa u kwindi l-eccezzjoni kellha tkun respinta.

Dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu, l-atturi jikkontendu li l-pern tal-kawza jdur fuq kwistjoni ta` kredibilita`. Fil-fehma taghhom, il-verzjoni taghhom tal-fatti hija konsistenti waqt li tal-konvenuti mhijiex. Isostnu l-fehma taghhom hekk –

1) Illi l-ahwa Joseph u Alfred Spiteri kellhom kumpannija – Spiteri Brothers Limited – li kienet tappartjeni lilhom it-tnejn indaqs ; il-kumpannija kellha kont taghha tal-bank.

2) Illi l-ahwa Spiteri kellhom ukoll kont tal-bank iehor li kien taghhom de proprio u intestat *J & A Spiteri*.

3) Illi minn dan il-kont personali, Alfred Spiteri u martu Rita ssellfu Lm18,500 permezz ta` zewg cheques (Dok C) biex bil-flus isir zvilupp tal-arja ta` garage li kien propjeta` tal-familja ta` Rita Spiteri.

4) Illi sena wara li sar dan is-self, miet Alfred Spiteri, u skond Joseph Spiteri, is-somma ta` Lm18,500 li ttiehdet mill-kont komuni kienet ghada ma gietx restitwita. Ghalhekk ipprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenuti.

5) Illi mhux kontestat li l-flus kienu mislufa. Ghalhekk kien jispetta lill-konvenuti li jaghmlu l-prova tal-pagament – prova li baqghet ma saret qatt.

**ii) <u>Il-konvenuti</u>**

<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>, il-konvenuti jirrilevaw illi l-atturi m`humiex isostnu li kien hemm rikonoxximent tal-kreditu jew rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-konvenuti. L-ittra ufficjali tat-2 ta` Novembru 2006 saret minn Joseph Spiteri kontra l-konvenuti fil-vesti taghhom ta` eredi ta` Alfred Spiteri. L-istess ittra ufficjali saret minn Joseph Spiteri f`ismu propju u ghan-nom ta` Spiteri Brothers Limited. Skond il-premessi tar-rikors guramentat, l-atturi sostnew illi s-self sar lil Alfred u Rita Spiteri. Mela l-ammont rilevanti kien Lm9,250, li nofsu se mai huwa dejn ta` Rita Spiteri de proprio waqt li n-nofs l-iehor huwa dejn tal-eredi ta` Alfred Spiteri. L-attrici Mary Rose Spiteri qatt ma pprezentat ittra ufficjali u kwindi d-dritt taghha huwa preskritt.

<u>Dwar it-tieni eccezzjoni</u>, il-konvenuti jikkontendu illi l-kont bankarju minejn hargu c-cheques ma kienx effettivament jappartejni lil Joseph u Alfred Spiteri, izda kien jappartjeni lill-kumpannija. Ghalhekk hemm karenza ta` interess guridiku. Irrizulta b`mod inkontrastabbli illi Joseph u Alfred Spiteri ma kellhom l-ebda attivita` kummercjali in komun minbarra kumpannija Spiteri Brothers Limited. Ghalhekk huwa evidenti li l-fondi li kien hemm fil-kont intestat lilhom it-tnejn ma kienux fondi li kienu jappartjenu verament lill-ahwa, izda kienu fondi li jappartjeni lill-kumpannija Spiteri Brothers Limited. Kien ippruvat illi minhabba l-fatt li l-kumpannija kienet qed tigi investigata, il-flus li kien jappartjeni lill-kumpannija tpoggew fil-kont intestat f`isem l-ahwa personalment, izda l-proprjeta tal-fondi f`dak il-kont kienu tal-kumpannija. Ghalhekk kienet il-kumpannija biss li kellha interess guridiku li tippromwovi l-kawza mhux l-atturi.

Dwar it-tielet eccezzjoni, il-konvenuti jsostnu li r-rikors guramentat huwa monk ghaliex m`hemmx talba sabiex jigi ddikjarat li l-intimati huma debituri tal-atturi. Jaghmlu riferenza ghall-Art 156(1) tal-Kap 12 u ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-31 ta` Jannar 2013 fil-kawza `*Nind vs Debono*` *(Citaz Nru 345/2004 JZM).*

Dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu, il-konvenuti jissottomettu illi l-Qorti ghandha tara jekk kienx hemm self u jekk il-ftehim bejn iz-zewg ahwa kienx li Alfred Spiteri jissellef is-somma pretiza mill-atturi jew li jiehu dik is-somma u jzommha. Kien ippruvat illi anke Joseph Spiteri kien ha s-somma ta` Lm18,000 minn dak il-kont u ghalkemm l-attrici tghid li dik is-somma giet rifuza kollha, rrizulta mix-xhieda tal-awditur li Joseph Spiteri kien qallu li kien rrifonda Lm12,000 mhux is-somma kollha. Ikomplu jsostnu li ghalkemm l-attrici tghid li s-somma giet rifuza, ma gabet l-ebda prova li hekk kien il-kaz. Fatt iehor li juri li l-ammont pretiz ma kellux jigi rifuz huwa li l-kont li finalment kellu bilanc ta` Lm3,858.62 kien gie diviz bin-nofs bejn iz-zewg nahat. Inoltre fil-ftehim tat-3 ta` Ottobru 2006, Joseph Spiteri ma ghamel ebda rizerva dwar is-somma ta` Lm18,500 li nofsha llum qeghda tintalab mill-atturi fil-kawza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**III. L-ewwel eccezzjoni**

Din l-eccezzjoni taqra hekk –

*Preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti Mary Rose armla minn Joseph Spiteri hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta [bi preskrizzjoni kwinkwennali].*

L-**<u>Art 2156(e) tal-Kap 16</u>** jaqra hekk –

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta` ħames snin ... (e) l-azzjonijiet għar-radd ta` flus mogħtija b`self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku ;*

**i) <u>Il-prova tal-preskrizzjoni</u>**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 (**<u>PA/JRM</u>**) fil-kawza **"<u>Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe</u>**" kien ritenut illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**<u>Holland noe vs Chetcuti</u>**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**<u>Vella vs Cefai</u>**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**<u>Portelli vs Psaila</u>" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Causon noe vs Sheibani</u>**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**<u>Camilleri vs Frendo</u>**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**<u>Borg vs Testaferrata Bonici</u>**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**<u>Causon vs Sheibani noe</u>**" il-Qorti qalet –

"*Illi min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-*

*preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

**ii) Tifsira restrittiva**

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti (**PA/JRM**) fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**iii) Dekorrenza**

**L-Art.2137 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**",

deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).

It-terminu tal-preskrizzjoni jista' jkun sospiz fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta' dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-Art 2125, pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio* (ara "**Attard vs Fenech**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta` Frar, 1965 u "**Chircop vs Muscat**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 2000).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279) jaffermaw illi –

***"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere."***

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

***"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"***

## iv) Risultanzi

Ghall-azzjoni taghhom, l-atturi qeghdin jistriehu fuq iz-zewg cheques li kopja taghhom hija esebita a fol 9. Ic-cheques igibu d-data tal-1 ta` Marzu 2003. Mela jekk l-import tac-cheques jirrapprezenta self li hadu Alfred u Rita Spiteri, kif qed jigi allegat mill-atturi, allura jfisser li l-

hames snin ghall-fini tal-preskrizzjoni bdew jiddekorru mill-**1 ta` Marzu 2003**.

Jirrizulta li fit-**2 ta` Novembru 2006**, kienet prezentata ittra ufficjali (fol 24). Fid-data tal-presentata tal-ittra ufficjali, Alfred Spiteri kien lahaq miet. L-ittra ufficjali kienet ipprezentata minn Joseph Spiteri f`ismu propju u bhala rapprezentant ta` Spiteri Brothers Limited. Jekk bl-ittra ufficjali Joseph Spiteri kien qed jirreklama krediti dovuti lilu de proprio, dawk kienu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi krediti tal-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn Joseph u Mary Rose Spiteri [ara l-Art 1321(1) tal-Kap 16] ladarba ma rrizultax li l-komunjoni kienet xjolta jew eskluza.

L-ittra ufficjali kienet prezentata kontra u notifikata fis-**7 ta` Novembru 2006** lil Rita Spiteri u uliedha Alexander u Christopher Spiteri, li jigu wkoll ulied Alfred Spiteri. Jekk kien hemm dejn, dak kien piz tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn Rita u Alfred Spiteri (ara l-Art 1327 tal-Kap 16).

Il-Qorti hija tal-fehma li n-notifika tal-ittra ufficjali kellha l-effett li tinterrompi l-preskrizzjoni, kemm kontra Rita Spiteri (bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma` zewgha Alfred) u kif ukoll kontra Alexander u Christopher Spiteri (bhala eredi ta` missierhom l-istess Alfred).

Jekk id-dejn reklamat kien ta` Spiteri Brothers Limited, allura l-pretensjoni tal-kumpannija kontra l-konvenuti odjerni kienet interrotta wkoll.

Il-kawza tal-lum kienet prezentata fil-**25 ta` Settembru 2009** mill-armla ta` Joseph Spiteri u miz-zewg uliedu, eredi tieghu. Li allura jfisser li bl-azzjoni taghhom l-atturi qeghdin jirreklamaw flus li jikkontendu li kienu

jappartjenu lil Joseph Spiteri de proprio – mhux lill-kumpannija ghaliex Spiteri Brothers Limited mhijiex attur fil-kawza. Li jkompli jfisser li ghal dawk il-flus, l-azzjoni tal-atturi mhijiex preskritta.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>L-eccezzjoni ulterjuri</u>**

L-eccezzjoni taqra hekk -

*Illi l-azzjoni attrici fil-konfront ta` Rita armla minn Alfred Spiteri hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta (bi preskrizzjoni kwinkwennali).*

Dak illi l-Qorti rriteniet fil-kaz tal-ewwel eccezzjoni jghodd *mutatis mutandis* ghall-eccezzjoni ulterjuri.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-eccezzjoni ulterjuri.**

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

L-eccezzjoni taqra hekk –

*Preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jridu jippruvaw li l-kont bankarju msemmi minnhom fil-paragrafu numru*

*wiehed (1) tar-rikors guramentat kien effettivament jappartjeni lil Joseph u Alfred Spiteri, u mhux lill-kumpannija Spiteri Bros. Limited, u dan sabiex ikunu jistghu jippruvaw l-interess guridiku li ghandhom biex jippromwovu din l-istanza.*

Din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghall-gurisprudenza : *Rekwizit imprexxibbli ta` kull azzjoni huwa l-interess f`min jipproponiha ; u dan l-interess ma ghandux ikun ipotetiku imma hemm bzonn li jkun konkret u sussistenti di fronti ghal dak li jigi maghzul mill-attur bhala kontradittur legittimu* ("**Balluci vs Vella Gera**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 12 ta` Marzu 1946 ; "**Zammit vs Formosa et**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Gunju 1948 ; "**Zammit Psaila et vs Ellul**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 23 ta` Jannar 1956). L-interess tal-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz tal-azzjoni jista` jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti ("**Bartoli pro et noe vs Zammit Tabone et**" – Qorti tal-appell – 24 ta` Marzu 1961). *L-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni. Dan l-interess ghandu karattru personali jigifieri illi l-vjolazzjonijiet biss ghad-drittijiet li jappartjenu lill-atturi jawtorizzawh li jezercita l-azzjoni. U dan l-interess, ikun x`ikun, morali jew pekunarju, irid ikun dejjem guridiku, jigifieri, korrispondenti ghal-lezjoni tal-veru dritt ; u jrid ikun dirett jew derivanti minn kawza korrelattiva mal-persuna li tagixxi, kif ukoll irid ikun legittimu u attwali. Ir-rekwizit ta` l-interess huwa ndispensabbli ghal-proponibilita` ta` domandi fi kwalunkwe sede kontenzjza ; huwa l-baz tal-azzjoni u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi pretiza* ("**Camilleri et vs Sammut et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 7 ta` Jannar 1953).

Din il-Qorti tghid ukoll illi skond l-**Art 1002 tal-Kap.16**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta'

interpretazzjoni ("**Spiteri vs Borg**" – PA/RCP – 30 ta` Novembru 2000 u "**Borg vs Xuereb**" – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Il-Qorti, bhall-partijiet, hadet konjizzjoni tad-dokumenti li pprezentaw (u xehdu dwarhom) iz-zewg rapprezentanti tal-Bank of Valletta plc. Kienu dokumenti li jirrigwardaw il-kont mnejn hargu c-cheques in kwistjoni, kif ukoll *legal ruling* bid-*disposal instructions* dwar iz-zewg kontijiet (mhux wiehed) li kellhom flimkien f`isimhom personali Joseph u Alfred Spiteri. Fil-fehma ta` din il-Qorti, ighodd ghal dawk id-dokumenti l-principju tad-dritt *contra scriptum testimonium non fertur.*

Ghall-fini ta` kompletezza ta` analizi, il-Qorti tghid illi fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza "**Morana vs Spiteri et**", il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din ma kenitx regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk –

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali …*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car …*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att …*

*4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali …*

Il-Qorti tirrileva illi ebda wahda mill-eccezzjonijiet ghar-regola ma tirrizulta ppruvata fil-kaz tal-lum. Skond il-konvenuti, irrizulta minghajr dubju li l-flus li kienu depozitati fil-kont mnejn hargu c-cheques kienu fondi ta` Spiteri Bros. Limited, <u>mhux</u> ta` Joseph u Alfred Spiteri fil-kwalita` personali taghhom, ghalkemm il-kont kien jidher intestat lilhom personalment. Ghalhekk ressqu t-tieni eccezzjoni. Abbazi tal-provi akkwiziti, jirrizulta bhala fatt illi l-kont nru 13411174020 minn fejn inhargu z-zewg cheques kien intestat lil Joseph u Alfred Spiteri, u <u>mhux</u> Spiteri Bros Limited. Skond Dok. BOV 1 esebit a fol 41 minn Romwald Attard (rapprezentant tal-Bank of Valletta plc) il-*mandate form* tal-bank turi li l-kont de quo infetah fis-7 ta` Dicembru 1995 f`isem Joseph u Alfred Spiteri. L-awditur tal-kumpannija jixhed illi c-cheques ma hargux minn kont li kien jappartjeni lill-kumpannija ghax l-uniku kont li kellha l-kumpannija kien overdraft u l-kont in kwistjoni ma kienx l-overdraft. Inoltre l-iskrittura Dok RA1 fejn saret il-qasma tal-assi tal-kumpannija ma taghmel l-ebda riferenza ghall-kont. Il-konvenuta Rita Spiteri taccenna ghal li l-kont seta` ntuza biex isiru depoziti ta` flus tal-kumpannija waqt li kienet ghaddejja investigazzjoni mid-Dipartiment tal-VAT ; ma rrizultax ghal liema zmien kienet qeghda tirreferi Rita Spiteri. Il-Qorti hija tal-fehma li dan l-accenn ta` Rita Spiteri mhuwiex bizzejjed biex ihassar ir-rekwizit tal-*interess* fil-mod kif l-atturi mpostaw l-azzjoni.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

L-eccezzjoni taqra hekk –

*Illi preliminarjament ukoll ir-rikors guramentat huwa monk billi ma hemmx talba sabiex il-Qorti tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti, izda kull ma hemm hi talba ghall-kundanna.*

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti jirreferu ghall-Art <u>156(1) tal-Kap 12</u>. Din id-disposizzjoni tal-ligi (kemm kif inhi llum kif ukoll qabel kienet emendata) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza **<u>"Moore noe vs Falzon et"</u>** (Prim'Awla tal-Qorti Civili – **<u>PA/AM</u>** – 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li –

*U ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).*

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**<u>Bonnici vs Zammit noe</u>**" deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –

*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas*

*da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita' tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u mhux spezzettata.*

Fil-kawza "**Vella vs Cefai**" (Appell Civili – 4 ta` Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta f`citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni tal-Art.156(1)(a) ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni tista` tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f`dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista` jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta` kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa` l-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista` jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta` citazzjoni ghandu jigi mwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` tal-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali.

Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Art.175 tal-Kap.12 hija li *formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh* ("**Fino vs Fabri noe**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Frar 1997) u konsegwentement *l-atti ghandhom jigu salvati anziche' annullati jew dikjarati nulli* ("**Ellul vs Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994). [Ara wkoll – "**Guillaumier Industries Ltd vs Fava**

**et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – PA/RCP – 28 ta` Ottubru 1998, "**Attard noe vs Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta` Mejju 1998 u "**Aquilina vs Cassar**" – Vol.LXXVI.IV.666]

Jinghad ukoll li l-Art.156(1) ghandu jinqara ukoll flimkien ma` l-Art.789 tal-Kap.12. Infatti l-kazi li fihom l-eccezzjoni tan-nullita` ta` atti gudizzjarji tista` tinghata huma dawk imsemmija fis-subartikolu (1) tal-Art.789. *L-erba` (4) cirkostanzi msemmija f`dak l-artikolu huma tassattivi fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda minnhom.* ("**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – PA/JRM – 13 ta` Marzu 2003). Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tarax li l-eccezzjoni tal-konvenuti ssib sostenn fl-Art.789 tal-Kap.12.

Fl-istess sentenza "**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" jinghad hekk dwar l-element tal-kjarezza fl-att tac-citazzjoni in partikolari b`riferenza ghall-kaz tal-lum fejn il-konvenuti qed jallegaw *konfuzjoni* fil-mod kif l-attur ressaq ir-"raguni" tat-talba –

*... il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tiftiehem, ma jimputax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha ...*

*... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassala b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ...*

*... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura*

*l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet ...*

Din il-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti.

Riferibbilment ghall-eccezzjoni de qua, il-Qorti tirrileva illi mhuwiex specifikat fl-Art 156(1) tal-Kap 12 illi sabiex rikors guramentat ma jkunx monk (u allura null) ghandu jkun hemm ta` bilfors talba biex il-konvenuti jigu dikjarati bhala debituri tal-atturi.

Ghalkemm fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti jirreferu ghal *farka zghira* mis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**Nind vs Debono**" tal-31 ta` Jannar 2013 biex isostnu l-argument taghhom, il-gustizzja u s-sewwa jesigu li tigi citata *almenu* dik il-parti tas-sentenza minn fejn il-konvenuti *estrapolaw* il-bran li ccitaw fin-nota taghhom. Il-Qorti qeghda tghid dan kollu ghaliex il-bran citat ittiehed barra ghal kollox mill-kuntest u mhuwiex applikabbli ghall-kawza tal-lum. Ghall-fini ta` kompletezza, u bhala konferma tal-irrilevanza tac-citazzjoni tal-bran li sar mill-kovenuti, il-Qorti qeghda tirreferi ghall-paragrafu kollu rilevanti ta` "**Nind vs Debono**" –

*Din il-qorti qieset bir-reqqa dawn id-dokumenti u mill-partiti hemm inkluzi mhijiex sodisfatta li l-atturi ghandhom jedd jaghmlu reklam ghall-erbghin (40) kantun tad-disa` ghall-prezz ta` Lm39.13. Il-kawzali tal-atturi huma cari u z-zieda fl-gholi tal-hajt li skond l-attrici kien obbligu kontrattwali li l-konvenut kien naqas li jaghmel mhuwiex inkwadrat fil-kawzali attrici.* ***U l-qorti trid tiddeciedi skond il-kawzali, u t-talbiet iridu jirriflettu l-kawzali****. Fir-rapporti tieghu, il-Perit Buhagiar isemmi l-gholi tal-hajt bhala mizura ta` sigurta` pero` din il-kwistjoni partikolari ma tirrizultax konnessa mar-ragunijiet li wasslu lill-atturi biex jittentaw din l-azzjoni.*

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-eccezzjoni tal-konvenuti hija nfondata ghaliex ir-rikors guramentat la huwa monk u lanqas null. Fir-rikors guramentat, hemm l-elementi kollha essenzjali sabiex l-istanza tista` tigi promossa u sostnuta. Fl-istess waqt, l-istanza setghet – kif fil-fatt kienet – adegwatament kontestata mill-konvenuti, bla ma garrbu l-ebda pregudizzju fl-impostazzjoni tal-linja difensjonali taghhom. Fi kwalunkwe kaz, ghandu jinghad li l-interess tal-gustizzja ikun generalment moqdi biss b`decizjoni fuq il-punti sostantivi tal-kawza u dak huwa li l-partijiet fil-verita` jkunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura qeghdin hemm primarjament sabiex id-dritt sostantiv jista` jitressaq ahjar u bis-sens. Id-dritt ghall-gustizzja ma ghandux jippermetti li r-regoli tal-procedura jiehdu s-sopravvent, b`interpretazzjoni rigida u maghluqa, fuq id-dritt sostantiv b`mod li l-formalizmu jigi jiddetta t-twettieq tal-gustizzja skond il-ligi.

**Ghalhekk il-Qorti <u>tichad</u> it-tielet eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Il-mertu</u>**

Il-Qorti sejra tghaddi issa biex tqis il-mertu tat-talba tal-atturi, li ghalihom il-konvenuti wiegbu bl-eccezzjonijiet numerati minn erbgha (4) sa tmienja (8).

Il-Qorti tirrileva mill-ewwel l-**<u>kawzali</u>** tal-azzjoni attrici hija dik ta` **<u>self</u>** [ara l-paragrafu tlieta (3) tar-rikors guramentat]. Min-naha taghhom, il-konvenuti jikkontestaw illi sar self favur Alfred u Rita Spiteri.

Il-Qorti tghid illi l-flus li kien hemm fil-kont tal-Bank of Valletta plc nru 13411174020 kienu jappartjenu nofs bin-nofs bejn Joseph u Alfred Spiteri. Ma hemmx prova ammissibbli skond il-ligi li tghid xort`ohra.

Mix-xiehda tal-awditur Jean Pierre Muscat, jirrizulta li Joseph Spiteri kien qallu li kemm hu kif ukoll huh Alfred kienu hadu Lm18,000 minn dak il-kont. L-awditur ikompli jixhed illi Joseph Spiteri kien irritorna Lm12,000 filwaqt li Alfred ma rritorna xejn. L-istess xhud jikkonferma illi anke Rita Spiteri kienet qaltlu li huma kienu hadu Lm18,000 u li Joseph Spiteri kien ha l-istess ammont ta` flus mill-kont.

Il-konvenuta Rita Spiteri tixhed a fol 179 illi zewgha Alfred kien talabha lura l-flus li hu kien ta lilha. Tghid hekk testwalment - *"Mela talabhomli dazgur talabhomli u jiena tajtu hmistax-il elf lira dak iz-zmien kienu, konna bil-liri mhux bl-ewro tajtu hmixtax-il elf mis-safe ghandna, ghandi safe id-dar kont tajtu milli jkollhom ghandi tal-familja tieghi … u gibtlu tliet elef lira mill-kont li kien hemm f`ismi …"*

**Fil-kawza tal-lum, il-partijiet (<u>kemm naha kif ukoll l-ohra</u>) ma gabux prova ta` kemm effettivament kien fih flus il-kont mnejn hargu c-cheques. Lanqas ma kien prezentat statement tal-kont. Kif lanqas ma ngabet il-prova tad-dokumenti li Joseph Spiteri allegatament wera lil Jean Pierre Muscat u cioe` dijarju *mahmug* u xi fotokopji. Ghalhekk il-Qorti m`ghandhiex provi ta` dik ix-xorta li fil-fehma taghha huma <u>vitali</u> u determinanti sabiex taccerta ruhha mill-veracita` ta` dak mistqarr quddiemha, anke jekk b`gurament.**

Fil-kawza tal-lum, il-Qorti kienet rinfaccjata b`verzjonijiet kontrastanti u konfliggenti.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **`<u>Xuereb et vs</u> <u>Gauci et</u>`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

"*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fil-kawza tal-lum, mhuwiex daqstant car ghaliex l-ahwa Spiteri – illum mejtin it-tnejn – dehrilhom li kellhom jaghmlu – **mhux wiehed izda zewg** – *joint accounts* mal-Bank of Valletta plc – distinti mill-kumpannija li kienu ffurmaw bejniethom. Diversi jistghu jkunu s-suspetti – anke l-ipotesijiet. Pero` l-Qorti tirrifjuta li thalli s-suspetti jigru biha ghax hija trid toqghod fuq il-provi. U fejn si tratta tad-destinazzjoni tal-fondi tal-kont, il-Qorti tghid illi l-provi huma xotti.

Din il-Qorti mhijiex sejra taghti piz ghall-argument tal-konvenuti illi ghax l-ahwa Spiteri ma kellhomx negozju iehor bejniethom ghajr il-kumpannija allura dak necessarjament ifisser li l-flus tal-kont kienu tal-kumpannija. Kollox jista` jkun *multo magis* meta l-Qorti stess ikkostatat – anke minn kliem il-kontendenti – li dak li kien isir bejn iz-zewgt ahwa – kien x`kien – ma kienx jigi svelat lill-familjari taghhom – inkluz lin-nisa taghhom. Ghalhekk il-Qorti tghid li ma hemmx prova li l-flus tal-kont kienu tal-kumpannija. Fil-fehma tal-Qorti, ir-riferenza ta` Rita Spiteri ghal investigazzjoni mid-Dipartiment tal-VAT

tista` tkun possibilita` pero` mhijiex prova – lanqas fuq bazi ta` probabilita`. Jinghad hekk ghaliex kontra dik il-possibilita`, hemm l-affermazzjoni l-ohra ta` Rita Spiteri li minn dak il-kont thallsu kontijiet tal-iskola tat-tfal.

**Mela *l-indikazzjoni* hi (<u>minghajr prova sodisfacjenti kuntrarja</u>) illi l-ahwa Spiteri *jidher* kienu mill-kont de quo – kif ighid il-Malti – *ihalltu u jaqsmu*. Din il-Qorti terga` ssostni li l-kont certament <u>bil-kitba</u> kien isejjah liz-zewgt ahwa *de proprio.***

Il-partijiet jaqblu illi kemm Joseph kif ukoll Alfred hadu flus ghar-ragunijiet taghhom. Ghal din il-Qorti mhijiex kumbinazzjoni illi kull wiehed ha mill-kont vicin it-Lm18,000 – lira `l hemm u `l hawn. Minn naha wahda, l-attrici tghid li r-ragel taghha kien rritorna parti Lm12,000 mit-Lm18,000 illi kien ha. Min-naha l-ohra il-konvenuta tghid illi hija tat lura lil zewgha Lm18,000 mit-Lm18,500 li kien l-import taz-zewg cheques.

**Il-Qorti m`ghandhiex l-icken hjiel ta` prova x`ghamel Alfred bil-flus li tatu lura martu u cioe` regax qeghdhom lura fil-kont komuni inkella nefaqhom.**

**Kien l-obbligu tal-atturi illi jippruvaw li Alfred Spiteri ha <u>b`self</u> ammont ta` flus mill-kont tal-bank bi shab, u li nofs dan l-ammont kien jappartjeni lil Joseph Spiteri.**

**Mill-assjem ta` din il-vicenda, il-Qorti tibqa` perplessa tant li ma tistax taghti affidament lill-agir ta` Joseph Spiteri.**

Wara li miet huh, Joseph Spiteri mar ghand Jean Pierre Muscat u qallu li Alfred kellu jaghti lura Lm18,000. Imma jekk Joseph Spiteri kien qieghed isostni hekk, allura

ma taghmel l-ebda sens ir-reazzjoni tieghu **<u>wara</u>** li hareg il-*legal ruling* tal-*legal office* tal-Bank of Valletta plc. Skond il-*legal ruling* a fol 65 – *the two bank deposits designated in the name Joseph & Alfred Spiteri may be released against the joint instructions of 1) Rita Spiteri ID618951M pro et noe 2) Joseph Spiteri ID 996444M.* Ghax wara dak ir-*ruling* Joseph Spiteri mar flimkien mal-konvenuta Rita Spiteri l-Bank of Valletta sabiex jinghalqu l-kontijiet li kien hemm. Skond il-*legal ruling* jirrizulta illi fil-fatt kien hemm **<u>zewg</u>** kontijiet (**<u>mhux wiehed</u>**) intestati lill Joseph u Alfred Spiteri, ghalkemm fit-trattazzjoni ta` l-kawza l-Qorti nghatat l-impressjoni li kien hemm kont wiehed biss bejniethom. Meta nghalqu l-kontijiet, il-flus depozitati nqasmu ndaqs bejn iz-zewg familji – *bla kliem u bla sliem* (<u>ara r-resokont skond id-deposizzjoni ta` John Galea</u>). Li kieku kien hemm pendenzi, din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju illi Joseph Spiteri ma kienx jaccetta li l-qasma ssir skond il-*legal ruling.* Fir-realta` mhux hekk sar ghaliex il-kontijiet inghalqu kif diga` nghad.

**Il-Qorti tinsisti li fuq spallejn l-atturi kien jinkombi l-oneru tal-ahjar prova tal-istanza taghhom fuq bilanc ta` probabilitajiet. L-assjem tal-provi <u>ma jwassalx</u> lill-Qorti ghac-certezza morali mehtiega sabiex tkun konvint mill-fondatezza tat-talba attrici.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talba attrici.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------